

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – Tillotts Pharma vs EUIPO – Ferring (OCTASA)(Kawża T-632/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea OCTASA — Trade marks verbali preċedenti Ġermaniżi u tal-Benelux PENTASA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2017/C 256/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Tillotts Pharma AG (Rheinfelden, l-Isvizzera) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Ferring BV (Hoofddorp, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: D. Slopek, avukat, u I. Fowler, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Settembru 2015 (Każ R 2386/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ferring u Tillotts Pharma.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Tillotts Pharma AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 27, 25.1.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – City Train vs EUIPO (CityTrain)(Kawża T-699/15) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva CityTrain — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Każ fortuwitu — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assemza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2017/C 256/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: City Train GmbH (Regensburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Adori)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Settembru 2015 (Każ R 843/2015-4), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi CityTrain bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) City Train GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 111, 29.3.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – M/S. Indeutsch International vs EUIPO – Crafts Americana Group (Rappreżentazzjoni ta' disinn forma ta' żigużajg bejn linji paralleli)

(Kawża T-20/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta disinn forma ta' żigużajg bejn żewġ linji paralleli — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Eżami tat-trade mark kif irreġistrata”]

(2017/C 256/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: M/S. Indeutsch International (Noida, l-Indja) (rappreżentanti: inizjalment minn D. Stone, D. Meale, A. Dykes, solicitors, u S. Malynicz, QC, sussegwentement minn D. Stone u S. Malynicz u finalment minn D. Stone, S. Malynicz u M. Siddiqui, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Crafts Americana Group, Inc. (Vancouver, Washington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: J. Fish u V. Leitch, solicitors, u A. Bryson, barrister)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Novembru 2015 (każ R 1814/2014-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Crafts Americana Group u M/S. Indeutsch International.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-5 ta' Novembru 2015 (Każ R 1814/2014 1), hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż ta' M/S. Indeutsch International.
- 3) Crafts Americana Group, Inc. għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 21.3.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2017 – Clarke et vs EUIPO

(Kawża T-89/16 P) ⁽¹⁾

[“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat li fih klawżola ta' xoljiment li ttejjem il-kuntratt fil-każ li l-membri tal-persunal ma jkunx inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni sussegwenti — Implementazzjoni tal-klawżola ta' xoljiment — Klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kuntratt għal żmien determinat f'kuntratt għal żmien indeterminat — Dmir ta' premura — Aspettattivi leġittimi”]

(2017/C 256/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Nicole Clarke (Alicante, Spanja), Sigrid Dickmanns, (Gran Alacant, Spanja) u Elisavet Papatthanasiou (Alicante) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)